# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025**

**Numru: 9**

**Rikors numru: 205/2016/3 LSO**

**Esron Mifsud**

**v.**

**TEC Limited (C-58354)**

Din hija sentenza dwar talba tas-soċjetà konvenuta sabiex din il-Qorti tisma' mill-ġdid appell maqtugħ minnha b'sentenza tat-12 ta' Marzu, 2024. Ir-ritrattandi tikkontendi illi dik is-sentenza fiha dispożizzjonijiet li huma kontra xulxin (**Art. 811 (i), Kap. 12**) u li kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (**Art. 811(l), Kap. 12**).

**Daħla**.

1. B'rikors maħluf tal-14 ta' Marzu, 2016 ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, l-attur fisser li ilu joffri s-servizzi tiegħu ta' armar u żarmar ta' tined, *gazebos* u *pop-ups*, tqegħid ta' twapet, *guttering*, tqegħid ta' *platforms* tal-injam u ħadid, kiri ta' *crane* u blokok tas-siment sabiex jintrabtu mat-tined u anke xogħlijiet ta' sorveljanza u servizzi oħra simili lis-soċjetà konvenuta mis-sena 2014. Fisser li huwa ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jagħti s-servizzi tiegħu għal diversi avvenimenti fosthom BirguFest tal-2014, il-Junior Eurovision Song Contest Malta 2014 li seħħ fil-15 ta' Novembru 2014 u l-Malta Eurovision Song Contest 2015 li seħħ fil-21 u t-22 ta' Novembru 2014. Ippremetta illi fil-bidu ta' Novembru 2014 ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jagħmel xogħlijiet fir-*restaurant* La Sfogli, il-Belt. Ta' dawn ix-xogħlijiet jgħid li għad għandu jieħu mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma ta' €19,099.80.

2. Is-soċjetà konvenuta kkontestat it-talbiet attriċi billi eċċepiet illi minħabba imperizja, negliġenza u traskuraġni da parti tal-attur hija sofriet danni fi proprjetà tagħha ammontanti għal €24,909.80, il-mertu ta' kawża oħra fl-ismijiet inversi numu 290/2016LSO, kif ukoll għaliex l-attur qatt ma pprezenta kont lill-konvenuta bi spjegazzjoni tal-ammont li kien qed jitlob il-ħlas tiegħu.

3. B’sentenza tat-30 ta’ April, 2019 il-Qorti Ċivili, Prim’Awla, iddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> “1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u erbgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,284.40) li jinkludi l-VAT dovut.
>
> 2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas irrikorrent l-ammont ta' tlett elef, mitejn u erbgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,284.40) kif hekk likwidat, flimkien malimghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali u cioe` mit-28 ta' Ottubru 2015.
>
> Billi t-talbiet qed jigu milqugha biss in parti, kif spjegat fis-sentenza, tordna li r-rikorrent ghandu jbaghti 2/3 mill-ispejjez filwaqt li s-socjeta' intimata tbaghti 1/3 mill-istess.”

4. Fl-20 ta’ Mejju 2019, kemm l-attur kif ukoll is-soċjetà konvenuta ressqu appell kull wieħed. L-attur wieġeb għall-appell tas-soċjetà konvenuta fil-11 ta’ Ġunju 2019 filwaqt li s-soċjetà konvenuta rrispondiet għall-appell ta’ Esron Mifsud fit-12 ta’ Ġunju 2019 fejn it-tnejn taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell tal-kontroparti għandu jiġi miċħud.

5. B’sentenza tat-12 ta’ Marzu, 2024 din il-Qorti ċaħdet l-appell tas-soċjetà konvenuta, laqgħet parzjalment l-appell tal-attur, varjat is-sentenza appellata billi awmentat l-ammont kanonizzat għas-somma ta’ €17,239.80; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, ¼ fuq l-attur u ¾ fuq is-soċjetà konvenuta.

6. Is-soċjetà konvenuta TEC Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll **ir-ritrattandi**') ippreżentat rikors fis-27 ta' Mejju, 2024 li permezz tiegħu tgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed sabiex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-**subartikoli (i) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li skont ir-ritrattandi: (i) fid-dispożittiv tas-sentenza hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin u (ii) is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

7. Għaldaqstant talbet lil din il-Qorti "tirritratta l-kawża wara li qabel xejn tħassar dik il-parti tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-12 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet premessi, …… ai termini tal-Art 811 (i) u (l) tal-Kap. 12".

8. L-attur Esron Mifsud (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll '**ir-ritrattat**') wieġeb b'risposta tad-19 ta' Ġunju, 2024 fejn ta r-raġunijiet tiegħu għaliex ir-rikors tar-ritrattandi għandu jiġi miċħud.

9. Ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ. Fis-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2024 il-partijiet ittrattaw u r-rikors tar-ritrattandi tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Il-Mezz Straordinarju tar-Ritrattazzjoni**.

10. Ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha fl-istadju *in rescindente,* tqis biss jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata. Tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' rieżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi tal-Proċedura (ara. **Rosa Fenech et. v. Jane *sive* Giovanna Cini** - Appell Superjuri - 15 ta' Lulju, 2019; **Av. John Buttigieg v. Anthony Tabone** - Appell Superjuri - 27 ta' Jannar, 2021).

11. Għalhekk f'dan l-istadju *in rescindendo* din il-Qorti ser tikkonsidra biss jekk hemmx raġunijiet siewja biex titħassar is-sentenza impunjata ta' din il-Qorti (ara **Carmelo Mifsud v. John Pullicino et**. - Appell Superjuri - 20 ta' Ġunju, 2024).

12. Ir-ritrattandi TEC Limited sejset it-talba tagħha għar-ritrattazzjoni fuq **Artikolu 811 (i) u (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq il-pretest li (i) fis-sentenza hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin; u (ii) illi s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

13. Sabiex tinftiehem aħjar il-kwistjoni quddiemna tajjeb illi jiġi qabel xejn riprodott dawk il-partijiet mis-sentenza attakkata rilevanti għal din il-proċedura:

> "8. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti.
>
> 9. L-attur Esron Mifsud kien ilu mis-sena 2014 jagħti s-servizzi tiegħu lis-soċjetà konvenuta fil-qasam tal-armar u żarmar ta' tined, gazebos u pop-ups, tqegħid ta' twapet u servizzi oħra simili konnessi ma' avvenimenti pubbliċi.
>
> 10. L-attur ġie inkarigat minn Charles Magro, d-direttur tas-soċjetà konvenuta TEC Limited, sabiex jassistih fit-tqegħid ta' tined għallavveniment li kien ser iseħħ ġewwa s-Ship Building fil-15 ta' Novembru 2015 u ċjoè għall-Junior Eurovision Song Contest, kif ukoll xogħol ieħor marbut mal-Birgufest, tqegħid ta' tinda ġewwa Pjazza San Ġorġ, il-Belt u xogħol ġewwa r-restaurant La Sfoglia. L-attur jippretendi li għal dawn ixxogħolijiet għandu jitħallas mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma ta' €19,009.80.

11. Is-soċjetà konvenuta ma ħallsitx. Tgħid li minħabba negliġenza, imperizzja u traskuraġni min-naħa tal-attur fil-maltempata tas-7 ta' Novembru, 2014 hija sofriet danni ammontanti għal €24,909.80, mertu tal-appell fl-ismijiet inversi (numru 290/2016) li wkoll qed jiġi deċiż kontestwalment. Tgħid ukoll illi l-attur qatt ma ppreżentalha kont bi spjegazzjoni tax-xogħolijiet li wettaq u d-dettalji tar-rati li uża.

(...)

14. It-tieni aggravju tal-attur huwa dwar il-quantum tad-danni reklamati mis-soċjetà TEC Limited, aggravju li ġie trattat u deċiż fl-appell 290/2016 fejn din il-Qorti kkonkludiet illi s-soċjetà TEC Limited ma resqitx provi sodisfaċenti dwar il-ħsarat li sofriet.

15. Permezz tat-tielet aggravju minnu mressaq l-attur ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet li la darba huwa kien responsabbli għad-danni kaġunati waqt il-maltempata m'għandux jitħallas għax-xogħol tat-tined li għamel ġewwa l-Malta Shipbuiding u li għandu jitħallas biss għax-xogħolijiet li għamel il-Belt fi Pjazza San Ġorġ, La Sfoglia u l-Birgu. Jgħid illi mil-lista' ta' xogħolijiet li huwa għamel ġewwa l-Malta Shipbuilding dawn ikopru numru aktar ta' tined u xogħolijiet minn dawk li ġew affettwati fil-maltempata tas-7 ta' Novembru 2014. Jgħid illi kienu sitta t-tined li ġew effettwati fil-maltempata u dwar linstallazzjoni tagħhom huwa talab €250.00 kull waħda. Jgħid għalhekk illi jekk m'għandux jitħallas tagħhom l-ammont li għandu jiġi ridott millkont tiegħu huwa ta' €1,500.00 u mhux l-ammont li rriduċiet l-Ewwel Qorti

16. Għal dan l-aggravju s-soċjetà appellata irribatiet li Mifsud qiegħed jipprova jiġġustifika l-imperizzja tiegħu billi waħħal f'kull ħaġa li setgħet ġrat mingħajr ma jagħraf ir-responsabbiltà tiegħu u ċjoè li jippeġja t-tined skont is-sengħa u l-arti. Is-soċjetà konvenuta għaddiet sabiex għamlet referenza għax-xhieda ta' Matthew Vella, part-timer mas-soċjetà konvenuta fejn kien fisser li nonostante li Mifsud ingħata l-ordni li jsiru l-pinnijiet taħt it-tined, Mifsud naqas milli jagħmel dan. Għamlet referenza wkoll għax-xhieda ta' Charles Magro fejn fost oħrajn innega li huwa kien bagħat lil Mifsud jaħdem f'La Sfoglia fis-7 ta' Novembru iżda kien bagħtu jumejn wara u ċjoè fid-9 ta' Novembru. TEC Limited tgħid illi m'għandha tħallas xejn tax-xogħol li għamel l-attur fil-Malta Shipbuilding peress li ddanni li hija sofriet jissuperaw il-prezz reklamat mill-attur.

(...)

18. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-attur m'għandux jedd jitlob ħlas ta' xogħol li għamel ħażin. Una volta is-sitt (6) gazebos 4m x 4m taru bir-riħ tort ta' Esron Mifsud li ma rabathomx malart, m'għandux jedd li jitlob il-ħlas sabiex installhom.

19. Però l-Ewwel Qorti ma neħħietx biss mill-kont tal-attur il-prezz mitlub għall-installazzjoni ta' dawn is-sitt gazebos li taru bir-riħ imma lprezz tax-

xogħolijiet kollha li għamel l-attur fil-Malta Shipbuilding bi preparazzjoni għal Junior Eurovision Song Contest.

20. Il-kont tal-attur mertu tal-kawża odjerna għall-installazzjonijiet li huwa għamel f'diversi postijiet apparti fil-Malta Shipbuilding fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta jinsab a fol.103 – 104 tal-kawża numru 290/2016. Minn dan il-kont l-Ewwel Qorti naqset l-ammonti segwenti kollha relatati mal-ħidma tal-attur fil-Malta Ship Building:

18 4x4 pop up : €1,170.00
02 tents 15x30 : €1,180.00
01 tent 15x25 + 01 tent 15x40 €1,180.00
01 tent 15x15 : €1,180.00
09 tapiti 15x40 : €1,080.00
01 gutter tal-15x30 : €50.00
09 gutter tal-5x5 : €200.00
10 tents 4x4 : €2,500.00
09 tents 5x5 : €2,250.00
02 3x3 pop up : €130.00

21. Tgħid hekk fir-rigward l-Ewwel Qorti:

"Illi permezz tal-kawza odjerna Esron Mifsud qed jitlob l-ammont ta' dsatax il-elf, u disgha ewro, u tmenin centezmu (€19,009.80), ghasservizzi resi. Illi Esron Mifsud qed jippretendi li jithallas dan l-ammont ghal xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, ghallJunior Eurovision Song Contest, u ghal xoghol iehor simili fil-Belt u l-Birgu. In sostenn ghattalba tieghu, hu esebixxa Dok EM2, esebita fol 103 u 104 tal-process fil-kawza numru 290/2016, fejn hemm lista tax-xoghlijiet u l-hlas pretiz. Fid-dawl ta' dak li gie kkonstatat, dwar ir-responsabbilta` ta' danni sofferti, kif spjegat fis-subtitolu aktar 'il fuq, din il-Qorti, wara li fliet id-dokument Dok EM2, esebit minn Esron Mifsud, ma tistax tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas ghax-xoghol ta' tined li ghamel fil-Malta Shipbuilding, kif minnu pretiz.

Ghalhekk, ghandhom jitqiesu biss ix-xoghlijiet, f'La Sfoglia Restaurant, fil-Belt, u fil-Birgu, kif hemmhekk, elenkati, u cioe`: Ilma belt € 120 Belt Pjazza San Gorg 15X 15 €1180 La sfoglia € 200 La sfoglia € 200 La sfoglia € 320 2 pop ups 4 X 4 Belt € 130 1 Gazebo Belt € 250 I pop up 4 X 4 Birgu € 65 I Gazebo 4 X 4 Belt € 250 1 Gazebo 3 X 3 Belt € 65 €2780+VAT

22. Kif rajna d-danni reklamati minn TEC Limited ma ġewx akkordati minn din il-Qorti għar-raġunijiet imfissra fis-sentenza fl-appell numru 290/2016.

23. Iżda anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss din il-Qorti kkonfermat id-danni kanonizzati mill-Ewwel Qorti, xorta waħda l-attur odjern kellu jedd jitlob għall-ħlas ta' dawk ix-xogħolijiet li ma rriżultawx li kienu afflitti minn traskuraġni u nuqqasijiet u li ma ġewx milquta

bilmaltempata. F'dak ix-xenarju li qed jiġi meqjus biss għall-fini ta' din iddeliberazzjoni, kienet tapplika t-tpaċija parzjali.

24. Din il-Qorti għalhekk tqis illi mill-kont reklamat mill-attur għandu jitnaqqas biss il-valur tax-xogħol tiegħu relatat mas-sitt tined illi taru birriħ matul il-maltempata, ammontanti għal elf u ħames mitt ewro (€1,500).

25. Tqis għalhekk illi dan it-tielet aggravju huwa parzjalment fondat u għalhekk qed tvarja l-ammont kanonizzat mill-Ewwel Qorti minn €3,284.40 għal sbatax-il elf, mitejn u disgħa u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€17,239.801)"

**L-Ewwel Raġuni għal Ritrattazzjoni - Artikolu 811 (i), Kap. 12.**

14. L-ewwel raġuni mressqa mir-ritrattandi hi illi skontha s-sentenza tat-12 ta' Marzu, 2024 fiha dispożizzjonijiet kontra xulxin. Tgħid illi din il-kontradizzjoni toħroġ mill-fatt illi filwaqt li fis-sentenza ta' din il-Qorti ġie aċċettat li l-attur kien negliġenti u responsabbli għall-ħsara, ma akkordatx id-danni lil TEC Limited u akkordat il-ħlas lil Esron Mifsud. Tgħid illi filli din il-Qorti rriteniet li Esron Mifsud m'għandux jitħallas ta' xogħol ħażin filli akkordatlu l-ħlas. Huwa għalhekk li skont ir-ritrattandi is-sentenza għandha dispożizzjonijiet kontra xulxin.

**Ikkunsidrat;**

15. In tema legali, inżamm illi l-kontradizzjoni kontemplata fis-sub inċiż (i) tal-Artikolu 811 trid tirriżulta fid-dispożittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn tal-aħħar jistgħu jkunu rilevanti biex jitfgħu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Il-kontradizzjoni trid tkun tali li d-dispożizzjonijiet fis-sentenza ma jkunux jistgħu jiġu esegwiti kollha.

(ara **Julian Sammut et noe. v. Marlene *sive* Mary Mizzi et.** - Appell Superjuri - 30 ta' Ġunju, 2003; **Bernardette Gatt et v. Alessandro *sive* Sandro Cassano et** - Appell Superjuri - 9 ta' Frar, 2023). Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippreġudika l-eżekuzzjoni tas-sentenza minħabba li din toħloq inċertezza dwar id-deċiżjoni finali tal-Qorti (ara **Anthony Mario Vella et v. HSBC Bank Malta plc et** - Appell Superjuri - 18 ta' Lulju, 2017). Mod ieħor, sabiex ikun jista' jingħad illi fl-istess sentenza jinsabu dispożizzjonijiet kontradittorji ta' xulxin, jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jeliminaw lil xulxin, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu mwettqin kollha. (ara **Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti** - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023). Issokta jinżamm illi Artikolu 811 (i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax jiġi nvokat jekk kemm-il darba s-sentenza attakkata jkun fiha dispożittiv wieħed (ara. **Joseph Agius et. v. Golu Spiteri** - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2019; **Giuseppe Mizzi et. v. Martin Debrincat et.** - Appell Superjuri - 12 ta' Diċembru, 2024).

16. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu, 2024 il-parti dispożittiva tas-sentenza taqra kif isegwi:

> ***"Decide.***
>
> *Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tassoċjetà konvenuta; tilqa' parzjalment l-appell tal-attur sa fejn kompatibbli ma' dak fuq ikkonsidrat, tvarja s-sentenza appellata billi tawmenta lammont kanonizzat għas-somma ta' sbatax-il elf, mitejn u disgħa u tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€17,239.80) bl-imgħax legali kif deċiż millEwwel Qorti.*

> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi in kwantu għal kwart (1 /4) a karigu tal-attur, u in kwantu għal tlett kwarti (3 /4) a karigu tas-soċjetà konvenuta."*

17. Ir-ritrattandi ma wrietx fejn hi l-kontradizzjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

18. Ir-ritrattandi ssejjes ir-raġuni hawn trattata fuq il-premessa illi ġaladarba nstab li l-attur għamel xogħol ħażin, allura l-attur ma kellu jitħallas xejn.

19. Tajjeb jiġi hawn puntwalizzat illi r-ritrattandi ma hix qed tgħid sew meta ssemmi illi l-Ewwel Qorti sabet ix-xogħol kollu li għamel Esron Mifsud ħażin. Fis-sentenza jingħad b'mod ċar illi ġaladarba nstab li sitt (6) *gazebos 4m x 4m* taru bir-riħ tort ta' Esron Mifsud, dan m'għandux jedd li jitlob il-ħlas sabiex installhom. Irriteniet ukoll illi Esron Mifsud kellu dritt jitħallas tax-xogħlijiet l-oħra kollha li ma nstabx li kienu xogħol ħażin jew milquta bil-maltempata. Dan joħroġ ċar minn paragrafu 23 tas-sentenza u li bl-ebda tiġbid ma jista' jitqies li hemm xi kontradizzjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

20. Tqis għalhekk illi r-raġuni mressqa mir-ritrattandi msejsa fuq Artikolu 811 (i) tal-Kap. 12 ma hix siewja u qed tiġi riġettata.

**It-Tieni raġuni għal Ritrattazzjoni - Art. 811 (l) Kap. 12**

21. Raġuni oħra mressqa mir-ritrattandi għaliex skontha s-sentenza ta' din il-Qorti għandha tiġi ritrattata hija msejsa fuq is-sub inċiż (l) tal-Artikolu 811 li jipprovdi illi hemm lok għal ritrattazzjoni jekk kemm-il darba jirriżulta li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

22. Skont ir-ritrattandi s-sentenza hija l-effett ta' żball meta f'paragrafu 18 tiddikjara li taqbel mal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li l-attur m'għandux jedd jitlob ħlas ta' xogħol li għamel ħażin iżda mbagħad f'paragrafu 19 qieset li kellhom jitfaqqsu mill-kont dak biss li l-attur talab bħala ħlas għall-installazzjoni ta' sitt *gazebos 4m x 4m* li taru bir-riħ. Tgħid li dan huwa żball li jidher mill-atti għaliex "il-maltempata li seħħet li imbagħad kawża li l-installazzjonijiet kollha kienu magħmula ħażin ma seħħitx f'post wieħed iżda ma' Malta kollha." Tgħid illi din il-Qorti ma kellhiex tillimita l-armar ħażin f'lokalità waħda u għalhekk tissottometti illi s-sentenza hija bbażata fuq żball. Iżżid tgħid: "Illi x-xogħol kważi kollu kien afflitt minn traskuraġni u nuqqasijiet għajr dak indikat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Illi d-deċiżjoni hi ibbażata fuq is-supposizzjoni ta' fatt, ossia li kienu biss ċerta xogħolijiet li saru b'mod traskurat, meta fil-fatt kienu x-xogħolijiet kollha li saru b'traskuraġni. Illi mhumiex biss is-sitt tined kif ikkonkludiet il-Qorti tal-Appell". Tgħid li l-Qorti tal-Appell ġiet indotta f'dan l-iżball

peress li l-kont tal-attur "huwa wieħed li huwa magħmul bl-aktar mod traskurat, li ma jiftiehemx, b'aritmetika ħażina u neboluża."

**Ikkunsidrat;**

23. Skont **Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** parti f'kawża tista' titlob it-tħassir ta' sentenza f'każ li dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Jitqies li hemm żball fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.

24. Jeħtieġ għalhekk naraw jekk is-sentenza attakkata ngħatatx fuq il-preżunzjoni tal-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti mill-atti. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt jew l-assenza tiegħu mwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta' dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara **Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe** - Appell Superjuri - 31 ta' Awwissu 2021).

25. Sabiex ir-ritrattandi tirnexxi fit-talba tagħha msejsa fuq din ir-raġuni jeħtieġ turi li s-sentenza attakkata hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament fis-sentenza, basta li l-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.

26. Dwar x'għandu jkun l-iżball imsemmi fl-Artikolu 811(l), inżamm illi l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt fis-sens illi jkun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant. (Ara **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri - **Appell Superjuri **-** 26 ta' Marzu 2021).

27. B'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża jrid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie kkontestat u deċiż fis-

sentenza attakkata. (ara **Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs. David Vella noe** - Appell Superjuri - 24 ta' Settembru 2004).

28. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza ċitata għat-tieni raġuni mressqa mir-ritrattandi, mill-ewwel huwa evidenti illi dak li minnu qed tilmenta r-ritrattandi ma hux dwar żball li jidher mill-atti.

29. Ir-ritrattandi tissottometti illi fis-sentenza ttieħed żball meta ġie kkunsidrat li parti biss mix-xogħol kien ħażin u li allura l-kumplament tax-xogħol kellu jsir ħlas tiegħu; mentri skont ir-ritrattandi l-atti juru li x-xogħol kollu kien ħażin u li konsegwentement ma kellu jsir l-ebda ħlas.

30. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi din ir-raġuni mressqa mir-ritrattandi ma ssib l-ebda fondament in atti.

31. Din is-sottomissjoni f'dan l-istadju mis-soċjetà konvenuta illi x-xogħol kollu li għamel l-attur kien kollu ħażin lanqas biss issib riskontru fl-eċċezzjonijiet li l-istess soċjetà konvenuta ressqet lura fil-31 ta' Mejju, 2016. F'dik ir-risposta maħlufa jingħad illi filwaqt li hemm qbil li l-attur ġie inkarigat sabiex jagħmel ix-xogħlijiet li tagħhom kien qed jitlob il-ħlas, hija eċċepiet it-tpaċija meta ressqet l-eċċezzjoni numru 2 li tgħid kif isegwi: "2. Illi minhabba imperizja, negligenza u traskuragni min-naha tarrikorrenti giet kawzata hsara konsiderevoli inter alia f'numru ta'

gazebos, tapiti, u vetturi, propjeta' ta' l-intimat, liema hsarat jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disa' euro u tmenin centezmu]. Dan kollu huwa mertu ta' kawza li giet intavolata mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti u li ggib in-numru 290/16 LSO;"

32. Id-difiża tal-kumpanija konvenuta kienet li tort tal-attur kienet sofriet ħsara fi proprjetà tagħha u li għalhekk kellha titħallas mingħandu aktar milli huwa kellu jitħallas mingħandha. Imkien ma ngħad illi x-xogħol kollu li tiegħu talab il-ħlas l-attur kien xogħol ħażin li ma jimmeritax ħlas

33. Kif rajna, sabiex ritrattand jirnexxi f'ilment imsejjes fuq Artikolu 811 (l) jeħtieġlu juri illi d-deċiżjoni hija msejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża; jew li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament. Fil-każ li għandna quddiemna, r-ritrattandi naqset milli turi fejn in atti hemm prova li x-xogħlijiet li tagħhom is-soċjetà konvenuta ġiet ordnata tħallas il-prezz tagħhom, kienu xogħlijiet ħżiena.

34. Issib għalhekk illi anke din it-tieni raġuni mressqa mir-ritrattandi hija bla siewi u qed tiċħadha.

**Deċiżjoni**.

Il-Qorti għalhekk, tiċħad it-talba tar-ritrattandi għat-tħassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu, 2024.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss